Qorti tal-Maġistrati (Malta)

RIK NRU 174/2018: **MONTALDO INSURANCE AGENCY LIMITED (C1052) NOE.** U **CHRISTOPHER MALLIA (KI. 313280M)** V. **EMANUELE XUEREB (KI. 113062M), CARMELO XUEREB (KI. 600048M)** U B'DIGRIET TAT-30 TA' AWWISSU 2018 IL-QORTI ĦATRET LIL DR. JOSETTE SULTANA BĦALA KURATUR *AD LITEM* IN RAPPREŻENTANZA TAL-ASSENTI ROSE ROSENFIELD, STELLA MICALLEF, **ELIZABETH CREEK U L-KOMPROPRJETARJI MHUX MAGĦRUFA TAL-ĦAJT ĠEWWA TRIQ IL-GAZZIJA, BIRKIRKARA**; U B'DIGRIET TAL-31 TA' MEJJU 2021 L-ATTI ĠEW TRASFUŻI F'ISEM **VINCENT MICALLEF (DETENTUR TAL-PASSAPORT AWSTRALJAN NRU. PA4299244), STEPHEN MICALLEF (DETENTUR TAL-PASSAPORT AWSTRALJAN NRU. PB3085388), PAUL MICALLEF (DETENTUR TAL-PASSAPORT AWSTRALJAN NRU. N7514250) U JOHN MICALLEF (DETENTUR TAL-PASSAPORT AWSTRALJAN NRU. PA6302132)** BILLI STELLA MICALLEF MIETET WAQT LI KIENET MIEXJA L-KAWŻA; U B'DIGRIET TAL-10 TA' ĠUNJU 2021 IL-ĦATRA TA' DR. JOSETTE SULTANA BĦALA KURATUR *AD LITEM* TAL-ASSENTI ROSE ROSENFIELD U STELLA MICALLEF ĠIET REVOKATA WARA LI ROSE ROSENFIELD U L-IMSEMMIJA WERRIETA TA' STELLA MICALLEF ASSUMEW L-ATTI TAL-KAWŻA PERSONALMENT

(RISARĊIMENT TAD-DANNI – KAP. 16, ART. 1031 - META L-PARTI TAL-ĦSARA LI SSIR MINN PERSUNA WAĦDA JEW IŻJED MA TISTAX TIĠI STABBILITA – KAP. 16, ART. 1050)

MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**6 ta' Ottubru 2021**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat ir-rikors ta' Montaldo Insurance Agency Limited bħala aġent u in rappreżentanza tal-kumpanija MAPFRE Middlesea p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Christopher Mallia ("il-kumpanija rikorrenti") u l-istess Christopher Mallia ("ir-rikorrent"), lkoll msejjħa "ir-rikorrenti", ippreżentat fil-25 ta' Lulju 2018,

wara li kkunsidrat ir-risposti separati ta' Emanuele Xuereb u Carmelo Xuereb, tal-kuratur *ad litem* għan-nom tal-assenti Rose Rosenfield, Stella Micallef, Elizabeth Creek u l-komproprjetarji mhux magħrufa tal-ħajt ġewwa Triq il-Gazzija, Birkirkara u ta' Rose Rosenfield u Stella Micallef, ippreżentati fil-11 ta' Settembru 2018, fis-16 ta' Ottubru 2018 u fit-3 ta' Diċembru 2018 rispettivament,

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li rat illi permezz tad-digriet tagħha tal-31 ta' Mejju 2021, wara l-mewt tal-intimata Stella Micallef (sive Maria Stella Micallef), l-atti ġew trasfużi f'isem Vincent Micallef (detentur tal-passaport Awstraljan Nru. PA4299244), Stephen Micallef (detentur tal-passaport Awstraljan Nru. PB3085388), Paul Micallef (detentur tal-passaport Awstraljan Nru. N7514250) u John Micallef (detentur tal-passaport Awstraljan Nru. PA6302132),

wara li rat li b'digriet tal-10 ta' Ġunju 2021 il-ħatra ta' Dr. Josette Sultana bħala kuratur *ad litem* tal-assenti Rose Rosenfield u l-imsemmija werrieta ta' Stella Micallef, ġiet revokata, biex b'hekk l-istess Dr. Josette Sultana ġiet li qed tirrappreżenta biss lill-assenti Elizabeth Creek u l-komproprjetarji mhux magħrufha tal-ħajt ġewwa Triq il-Gazzija, Birkirkara,

wara li rat li għalhekk l-intimati f'din il-kawża huma (i) Emanuele Xuereb u Carmelo Xuereb ("l-intimati Xuereb"), (ii) Dr. Josette Sultana bħala kuratriċi *ad litem* in rappreżentanza ta' Elizabeth Creek u l-komproprjetarji mhux magħrufha tal-ħajt ġewwa Triq il-Gazzija, Birkirkara ("l-intimati assenti"), (iii) Vincent Micallef, Stephen Micallef, Paul Micallef u John Micallef ("l-intimati l-oħra); lkoll imsejjħa "l-intimati",

wara li rat id-dokumenti l-oħra kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża inkluż in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi,

wara li rat is-sottomissjonijiet finali bil-miktub magħmula għan-nom

- tal-kumpanija rikorrenti, mill-Avukat Dr. Ivan Gatt u l-Avukat Dr. Maria Attard,
- tal-intimati assenti, mill-Avukat Dr. Josette Sultana,
- tal-intimati Xuereb u tal-intimati l-oħra, mill-Avukat Dr. Carlo Bisazza

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Rikors promotur u risposti

1. Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tikkundanna lill-intimati jħallsuhom is-somma ta’ sebat elef u tliet mija u wieħed u tletin euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€7,331.99), in kwantu għall-ammont ta' sebat elef u mitejn euro (€7,200) rappreżentanti danni kkaġjonati fil-vettura proprjetà tar-rikorrenti Christopher Mallia u assikurata mas-soċjetà assikuratriċi rikorrenti u li għandha numru tar-reġistrazzjoni CRI210, in kwantu għal sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€6.99) għar-rapport tal-Pulizija, in kwantu għal-ammont ta' ħamsa u tletin euro (€35) spejjeż għas-*survey* tal-istess vettura u in kwantu għall-ammont ta' disgħin euro (€90) bħala *excess*, liema ammont jirrappreżenta bilanċ tal-prezz minnhom dovut għal danni u spejjeż kkaġunati lir-rikorrenti, meta fl-1 ta' Awissu, 2016 waqa' l-ħajt tas-sejjieħ fi Triq il-Gazzija, Birkirkara, proprjetà tal-intimati fuq il-vettura ta' Christopher Mallia bin-numru tar-reġistrazzjoni CRI210 u dan minħabba negliġenza, traskuraġni, imprudenza u non-osservanza tar-Regolamenti relattivi da parti tagħhom. Ir-rikorrenti talbu ukoll l-ispejjeż inkluż l-imgħaxijiet skond il-liġi dekoribbli mid-data tal-inċident sad-data tal-pagament effettiv.

2. L-intimati Xuereb eċċepew illi:

    1. Huma jiġu komproprietarji ta' deċima parti tal-ħajt in kwistjoni, u kwindi r-responsabbiltà tagħhom għandha tiġi limitata għas-sehem taghhom, u ċioe, għas-somma komplessiva ta' seba' mija tlieta u tletin euro u dsatax-il ċenteżmu (€733.19), liema ammont ġie ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti permezz ta' ċedola ta' depożitu li ġiet ppreżentata kontestwalment mar-risposta,

    2. M'għandhomx jbatu spejjeż ta' dawn il-proċeduri stante illi permezz ta' *email* datat 17 ta' Marzu 2017 kienu diġa'aċċettaw li jħallsu s-sehem taghhom, tant illi għamlu proposta ta' pagament rateali, li permezz ta' liema skeda ta' pagament, l-ammont kien jiġi saldat f'Marzu 2018, u ċioe', erba' xhur qabel ma nfetħu dawn il-proċeduri.

3. Il-kuratur *ad litem* għan-nom tal-intimati assenti eċċepiet illi m’hijiex edotta mill-fatti u għalhekk irriservat li tippreżenta risposta ulterjuri fi stadju ulterjuri, jekk ikun il-każ.

4. L-intimati l-oħra eċċepew illi:

    1. It-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt,

    2. Huma proprietarj ta' kwindicesima parti (1/15) tal-ħajt in kwistjoni kull wieħed (ċioe 1/15 l-intimata Rosenfield u 1/15 il-werrieta tal-intimata Micallef, u kwindi r-responsabbiltà' tagħhom għandha tiġi limitata għas-sehem taghhom, u cioe', komplessivament għas-somma ta' disa' mija u sebgħa u sebgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€977.59), liema ammont ġie ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti permezz ta' ċedola ta' depożitu li ġiet ppreżentata kontestwalment mar-risposta,

    3. Huma m'għandhomx ibatu l-ispejjeż tal-proċeduri stante illi kienu diġa aċċettaw li jħallsu s-sehem tagħhom bi qbil mal-kumpanija rikorrenti iżda din ipproċediet bil-kawża mingħajr ebda raġuni valida fi stadju meta kollox kien ġie miftiehem.

**Provi rilevanti**

5. Fit-8 ta' Novembru 2018 xehed **David Debono**, *Claims Manager* tal-kumpanija rikorrenti li kkonferma li l-klijent tagħhom, ir-rikorrent Christopher Mallia, "*kien inxurjat fuq vettura ZAN 169"* u sussegwentement ikkjarifika li filfatt il-vettura kienet bin-numru ta' reġistrazzjoni CRI220. Huwa ppreżenta dokumentazzjoni (Dok DD1 sa Dok DD47) bħala evidenza tal-ispejjeż li kellha tagħmel il-kumpanija rikorrenti biex tonora, ossia tħallas, il-*claim* tal-klijent tagħha. Huwa spjega li l-ammont totali huwa €7,276.99 u li dan l-ammont huwa *"gross of excess. Għaliex? Ghax jiena lill-klijent naqqasthielu mill-pagament, allura awtomatikament jiena rrid inżidu fl-ispejjeż tiegħi biex niġborhom lura."*

6. L-istess xhud spjega d-dinamika tal-inċident[1] li kien seħħ u ċioe illi *"kien hemm ħajt ta' propjetà u l-karozza kienet ipparkjata taht il-ħajt...kienet ipparkjata korrettament... Bażikament waqa' l-ħajt... U spiċċat fuq il-vettura".* Il-vettura kienet meqjusa "*total loss*".

7. Ix-xhud qal illi kienu avviċinawhom tnejn mill-proprjetarji tal-ħajt u li jgħixu hawn Malta sabiex iħallsu parti mis-somma, u ċioe dik il-parti li tirrappreżenta s-sehem tagħhom. Madanakollu peress li l-kumpanija waslitilha informazzjoni li numru ta'

[1] Ritratti esebiti Fol 57-60

proprjetarji oħra jgħixu barra minn Malta huma kienu ddiskutew il-każ mal-avukati tagħhom u ddeċidew li ma' setgħux joqgħodu jiġru wara l-komproprjetarji għas-sehem individwali tagħhom kollha. Ikkonferma illi dawn it-tnejn li avviċinawhom (permezz ta' *email*) kienu l-intimati Xuereb.

8. Fit-22 ta' Novembru 2018 xehed is-surveyor **Tarcisio Mercieca** li kkonferma li l-vettura kienet iddikjarata *beyond economic repair* u kkonferma ukoll l-istima tiegħu tal-*market value* u tas-*salvage value* tal-vettura kif jidhru mir-rapport ippreżentat fol 35 sa 54 tal-proċess.

   *"Jiena s-Surveyor. Freelance Surveyor ... emm ... dana ghamiltu f'Awwissu tat-2016. Fil-11 ta' Awwissu. Din kienet BMW 1-Series ta' 2007. Meta mort rajtha l-genb, quddiem ... il-genb tan-naha tal-left, is-saqaf, il-hgieg u wara, waqa hajt fuqha ... dan hu hajt tas-sejjiegh li jaghmel izjed hsara. Gewwa l-interior, is-seats u hekk kienu kollha hgieg u l-hsara tal-gebel, igifieri mqattghin, u dakinhar jiena gibt quotation tal-parts u ddecidejna li nittowjawha... Dakinhar eh ... il-market value taghha kien 9000 euro u s-salvage jien ghamilt li nbieghuha ma' xi haga ta' 15 il-mitt euro".*

9. Fil-21 ta' Jannar 2019 xehed ir-rikorrent **Christopher Mallia** li kkonferma fost affarijiet oħra li huwa jiġi sid il-vettura in kwistjoni apparti li xehed fuq dak li ġara dakinhar tal-inċident li seħħ fl-1 ta' Awwissu 2016, fuq l-ammonti li huwa tħallas mill-kumpanija rikorrenti u fuq l-*excess* ta' €90 li tnaqqsitlu mis-somma mogħtiha lilu.

10. Fil-21 ta' Jannar 2019 xehdu **PC 1027 Simon Micallef** u **PS 609 James Robert Magro** li spjegaw f'iżjed dettal id-dinamika tal-inċident u ppreżentaw ukoll ir-rapport tal-okkorrenza fejn fost oħrajn hemm imniżżel is-segwenti:

    *"Il-pulizija ta' Birkirkara rċevejna rapport li kien hemm ħajt Ii kien waqa' u ġie fuq vettura ġewwa Triq Gazzija, Birkirkara. Fuq din l-informazzjoni il-pulizija irrikorrejna ġewwa din it-triq fejn hawn ġie li kien hemm ħajt tas-sejjieħ li kien għoli sular Ii kien waqa u ġie fuq vettura li kien hemm pparkjata sewwa ġewwa kaxxa bajda li għandha numru ta' reġistrazzjoni CRl210.*

    *Hawnhekk kien hawn is-sid fuq il-post ċertu Chris Mallia I.D.313280M fejn huwa stqarr li kien għadda għal ħabta ta' 09.30hrs u ċemplitlu l-mara iktar tard sabiex tinfurmah b'dak li kien ġara. Hawnhekk ġie nnutat li kien hawn ammont konsiderevoli ta' ġebel fuq din il-vettura. Din il-vettura ġarrbet ħsarat konsiderevoli fuq is-saqaf, wara, quddiem u ġenb tal-vettura.*

*Il-pulizija bdew jagħmlu stħarriġ sabiex isiru jafu min huma s-sidien ta' dan il-ġnien fejn irriżulta Ii din tista' tappartjeni lir-residenza bin-numru 50, Triq I-lmsida, Birkirkara. Hawnhekk irriżulta li din id-dar ma jgħix ħadd ġo fiha iżda minn stħarriġ irriżulta Ii s-sidien huma ta' kunjom Xuereb.*

*Minn stħarriġ ieħor il-pulizija waslu għal żewġ t'aħwa Noel Xuereb mob 99262684 I.D. 113062M u ħuh Lino Xuereb I.D.600048M mob 79495748. Dawn ġew ikkuntattjati fejn għandhom jirrikorru l-Għassa għal iktar investigazzjoni.*

*Aġġornat minn PS609 J.Magro*

*Il-pulizija kellmu lil Emmanuel u ħuh Lino. Hawnhekk huma ġew mitkellma fejn stqarrew li min-naħa tagħhom kellmu bennej li jaħdem fuq ħitan tas-sejjieħ fejn ser jibda xogħol sabiex jitranġa l-ħajt. Ta' min isemmi ukoll li huma stqarrew li sidien b'kollox hemm madwar 20 u fejn huma jafu b'persuna Rose Rosenfield li tgħix 52, O'Hare street, Cobert, 3058, Victoria Maryland. Huma stqarrew li ma jafux persuni oħra u li dan il-post dejjem intiret u b'hekk żdiedu s-sidien.*

*Aġġornat minn PS609 J.Magro*

*Dan il-ħajt ġie rranġat u tneħħa I-ġebel li kien hemm fit-triq.*

*Emmanuel u Lino produċew iktar dettalji ta' min jafu fuq min hi reġistrata din id-dar Stella Micallef tgħix 15, Patricia Drive, Fawknere Vic3060, Melbourne Australia smicallef 1956@optusnet.com.au. Elizabeth Creek għandha email liscreek1 O@gmail.com u Rose Rosenfield għandha email terence.vision@gmail.com"*

11. Fl-14 ta' Frar 2019 xehdet **Cynthia Mallia**, mart ir-rikorrent, li spjegat f'iktar dettal kif kienet hi l-ewwel persuna li skopriet dak li kien ġara u li meta rat il-ġebel fuq il-vettura hi kienet pronta u ċemplet lir-raġel tagħha biex tinfurmah b'dak li kien seħħ.

12. Fit-18 ta' Marzu 2019 xehdu l-intimati **Maria Stella Micallef** u **Rose Rosenfield** bil-mezz tal-affidavit. Dawn spjegaw kif huma għandhom 1/15 kull wieħed tal-fond numru 50 fi Triq l-Imsida, Birkirkara, liema porzjon kienu ħadu b'wirt, iżda ma' jafux id-dettalji tal-komproprjetarji l-oħra. Ġimgħa wara l-inċident, in-neputijiet tagħhom Lino u Noel Xuereb (l-intimati Xuereb) li jgħixu Malta kienu infurmawhom b'dak li kien ġara. Lino Xuereb kien ħa ħsieb għat-tindif u tiswijiet tal-ħajt in kwistjoni. Huma tawhom struzzjonijiet sabiex iżommuhom infurmati meta jagħmlu kuntatt ma' sid il-vettura jew l-assikurazzjoni tiegħu. Fit-28 ta' Frar 2017 huma ġew ikkuntattjati mill-kumpanija rikorrenti li ppreżentawlhom stima tad-danni sofferti

mill-assikurat tagħhom. Fid-19 ta' Marzu 2017 huma bagħtu korrispondenza bl-email lill-istess kumpanija sabiex jgħarrfuhom bis-sehem tagħhom fil-fond in kwistjoni. Din il-korrespondenza waslet għand il-kumpanija rikorrenti fl-20 ta' Marzu 2017 li nfurmathom illi huma kienu ser jagħmlu kuntatt magħhom biex javżawhom bis-sehem tagħhom mid-danni u kif jistgħu jħallsu l-kumpens. Ma' kien hemm l-ebda kuntatt ulterjuri wara dakinhar. Ix-xhieda insistew li s-sehem tagħhom mid-danni huwa dak ta' €488.79 kull wieħed u li allura ma' setgħux jifhmu kif il-kumpanija rikorrenti ddeċidiet li tiftaħ kawża meta huma kien qed jiftehmu magħha. Għalhekk insistew li m'għandhomx ibatu l-ispejjeż tal-kawża.

13. Fl-1 ta' April 2019 xehed l-intimat **<u>Carmel sive Lino Xuereb</u>** u spjega li hu u ħuh Emanuel Xuereb huma flimkien proprjetarji ta' terz tal-fond numru 50, Triq l-Imsida, Birkirkara. Mid-dokumentazzjoni esebita minnu stess jidher però filfatt illi l-intimati Xuereb filfatt għandhom flimkien sehem indiviż ta' 11/120 mill-fond in kwistjoni, liema sehem huma kienu wirtu mingħand ommhom. Qal li dak iż-żmien li seħħ l-inċident huwa kien għaddej minn żmien ikrah minħabba li martu kienet marida u huwa kien qed jonfoq ħafna flus fil-kura tagħha. Qal li huwa kien lest li jħallas sehmu bil-mod u kien informa b'dan lill-kumpanija rikorrenti permezz ta' *email*[2]*.* Sehmu u sehem ħuh Emanuel kien dak ta' €362.10 kull wieħed u filfatt huma sussegwentement iddepożitaw dawn l-ammonti fil-Qorti permezz ta' ċedola.

14. Fl-istess seduta xehed ukoll **<u>Emanuel Xuereb</u>** illi apparti li kkonferma dak li kien għadu kemm xehed ħuh, spjega ukoll illi huwa kien mar personalment fl-uffiċini tal-kumpanija rikorrenti biex jinfurmahom illli huwa kien lest iħallas sehmu. Madanakollu dawn qalulu li għadhom jridu jiddiskutuha mal-*Head Office.*

**Liġi**

15. L-artikoli tal-liġi li huma applikabbli għall-każ li għandha quddiema l-Qorti huma dawk li jirrigwardaw id-delitti u li jinsabu fl-Artikolu 1029 *et. seq.* tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) fosthom:

    **1029. Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara.**

    **1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.**

[2] A fol 126

**1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.**

**1033. Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.**

**1045. (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib ...**

**1050. (1) Jekk il-biċċa tal-ħsara li kull wieħed ikun ikkaġuna ma tkunx tista' tiġi stabbilita, min ikun bata l-ħsara jista' jitlob il-ħlas tal-ħsara kollha mingħand kull min irid minn dawk li jkunu ħadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi wħud minnhom ma jkunux imxew dolożament, bla ħsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-ieħor jew l-oħrajn.**

**(2) F'dan il-każ, il-konvenut jista' jitlob li dawk kollha li jkunu ikkaġunaw il-ħsara jiġu msejjħa fil-kawża bil-mod u għall-effetti msemmijin fl-artikolu 962 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u l-qorti tista' tqassam fuq kull wieħed minnhom is-somma meħtieġa għall-ħlas tal-ħsara, f'ishma ndaqs jew mhux indaqs, skont iċ-ċirkostanzi; bla ħsara dejjem tal-jedd ta' dak li jbati l-ħsara illi jitlob il-ħlas tas-somma kollha mingħand kull min irid minnhom, u dawn lejh għandhom ilkoll jiġu kkundannati in solidum.**

**Kunsiderazzjonijiet**

16. Hemm qbil bejn il-partijiet (almenu fl-istadju tat-trattazzjoni finali) li l-inċident in kwistjoni effettivament seħħ u li r-responsabiltà għalih jaqa' fuq il-proprjetarji tal-fond in kwistjoni ossia' l-intimati. Id-difiża tal-intimati (għajr għal dawk assenti) però hija dik illi huma għandhom iħallsu biss is-sehem tagħhom minn dawn id-danni (tenut kont is-sehem tagħhom mill-proprjeta'). Huma jargumentaw illi l-kumpanija rikorrenti kienet waslet fi ftehim mingħajr preġudizzju dwar dik li kulħadd iħallas sehmu u li imbagħad però din aġixxiet *in mala fede* meta reġgħet lura mill-ftehim sabiex tmexxi *"fishing expedition tagħha bil-għan illi r-responsabbiltà ta' injoti tiġi attribwita lill-istess intimati".* Isostnu li bi ftit sforz l-kumpanija rikorrenti setgħet wettqet ir-riċerka meħtieġa sabiex tara minn kienu l-

proprjetarji kollha u li l-Artikolu 1050 ma' japplikax għall-każ stante illi hawnhekk mhux il-każ li l-porzjonijiet ta' ħsara ma' jistgħux jiġu stabbiliti. Għalhekk huma jinsistu li l-ispejjeż għandha tbatihom il-kumpanija rikorrenti. Finalment jgħidu li l-aġir tal-kumpanija rikorrenti "*jista' jkun meqjus bħala wieħed prattiku għal skopijiet ta' rkupru ta' kreditu, da parti ta' kreditur iżda bir-rispett kollu hija prassi xejn inqas minn abbusiva u in bad taste fil-konfront ta' persuni illi kienu minn ta' quddiem Ii jassumu l-parti taghhom mir-responsabbilita', illi tinvoka artikolu tal-Ligi illi mintix intitolat li taghmel, specjalment, fil-kaz odjern, wara Ii hemm prova inekwivoka illi r-rikorrenti kienet disposta taccetta minn kull parti s-sehem rispettiv tieghu jew taghha".*

17. Ir-rikorrenti min-naħa l-oħra jgħidu li hemm numru ta' komproprjetarji li ħafna minnhom mhumiex magħrufha u li għalhekk huma kienu intitolati jinvokaw l-Art. 1050 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex ir-responsabilta' tiġi akkolta fuq l-intimati *in solidum* bejniethom (bid-dritt ta' rivalsa kompetenti bejniethom).

18. Mill-provi miġjuba quddiemha jirriżulta illi sal-ġurnata tal-lum verament hemm diversi komproprjetarji mhux magħrufha u dan joħroġ ċar anke mix-xhieda stess tal-intimati li ngħatat fil-kawża. Filwaqt li l-intimati Xuereb u l-intimati Rose Rosenfield u Maria Stella Micallef (li terġa u tgħid ġiet nieqsa matul il-kawża u l-atti ġew trasfużi f'isem l-erba' werrieta tagħha li lkoll jgħixu barra minn pajjiżna) kollha speċifikaw is-sehem tagħhom, **ħadd minnhom** ma' ressaq xi prova dwar min huma l-komproprjetarji l-oħra u x'inhuwa s-sehem tagħhom mill-proprjetà in kwistjoni. Minflok, jippretendu li kellha tkun il-kumpanija rikorrenti li tagħmel dan ix-xogħol u anzi li kellha xi obbligu li tagħmel hekk.

19. Issir referenza għal dak li ingħad mill-Onorevoli Imħallef Grazio Mercieca fil-ktieb tiegħu "*Massimarji tal-Imħallef Philip Sciberras – It-Tieni Volum: Dritt Sostantiv*" taħt is-sottotitolu '*Solidarjeta' fid-delitti jew kwazi-delitti*' relevanti ghal kaz in ezami fejn jghid hekk:

*"in linea ta' massima solidarjeta' tfisser li kull wiehed mid-debituri jkun obbligat li jaghmel tajjeb ghad-debitu shih favur il-kreditur li jkun allura, jekk irid, jista' jagixxi gudizjalment biex jesigi l-pagament minghand wiehed biss mid-debituri tieghu ad eskluzjoni ta' l-ohrajn. Dan huwa desumibbli mill-Artikolu 1094 tal-Kodici Civili. Artikolu dan li ghandu bhala l-fondament tieghu mhux dak li jtaffi r-responsabilita' tal-konkorrenti li jkunu taw lok ghad-dannu u ghad-debitu, izda fis-sens li tigi rafforzata l-garanzija tad-danneggjat jew tal-kreditur (intiz f' sens wiesgha) billi tikkonsentielu l-ghazla li jirrivolgi l-pretenzjoni tieghu ghall-intier tal-kreditu tieghu u*

*tal-hlas kontra kull wiehed mis-soggetti responsabbli jew obbligati, u dan minghajr il-htiega li jazzjona lil kull wiehed minnhom ghal kwota rispettiva taghhom.*

*Skont il-ligi s-solidarjeta hija allura solamente concepibile – come del resto qualsiasi altra obbligazzione solidale, la quale puo soltanto esistere quando vi sono piu persone obliggate allo stesso debito – allorche al fatto doloso che ha cagionato il danno repitibile concorsero' piu' persone; poiche' se si tratta di debiti diversi, commesse da persone diverse, con diversa responsabilita' individuale sia per le nature che le circostanze del delitto, per modo che rimanga escluso il concorso di piu' persone alla perpetrazione di ciascun fatto dannoso, la detta disposizione di legge non puo trovare la sua applicazione (Vol. XXIX.i.528). Dak li jghodd ghad-delitti jghodd ugwalment ghal kwazi delitti, u kif intqal, ghal kwalsiasi obligazzjoni ohra."*

20. Kif ġa ngħad, bis-saħħa tal-Art. 1050(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, meta l-biċċa tal-ħsara li kull wieħed ikun ikkaġuna ma' tistax tiġi stabbilita, min ibati l-ħsara jista' jitlob il-ħlas tal-ħsara kollha mingħand min irid minn dawk li jkunu ħadu sehem fil-ħsara (irrispettivament minn min minnhom ikunu *in dolo*). Fis-subartikolu tnejn imbagħad il-liġi tippermetti lill-intimati li jkunu ġew msejjħa f'kawża sabiex huma ukoll jitolbu li jiġu kjamata fil-kawża magħhom dawk il-persuni li għandhom jikkontribwixxu ukoll għar-risarċiment tad-danni. Dan bil-għan illi l-Qorti **<u>terżerċita d-diskrezzjoni tagħha</u>** sabiex hija tqassam fuq kull wieħed mill-intimati s-sehem tagħhom mid-danni, bid-dritt ta' rivalsa bejniethom għal min effettivament ikun finalment responsabbli. Anke jekk però il-Qorti teżerċita din id-diskrezzjoni, l-intimati xorta waħda jiġu kkundannati *in solidum* u b'hekk il-kreditur ikollu d-dritt li jdur fuq min irid hu għall-ħlas tas-somma kollha, anke jekk il-Qorti tkun stabbilit l-ishma rispettivi.

21. F'dan il-każ, anqas li kieku trid ma' tista' l-Qorti tittenta tistabbilixxi l-ishma rispettivi tal-komproprjetarji tal-fond in kwistjoni u dan mhux l-anqas għaliex huma biss ftit minnhom li huma magħrufa, meta ntqal ukoll li hemm xi għoxrin komproprjetarji b'kollox, b'numru sew minnhom jirrisjedu barra mill-pajjiż!

22. Il-Qorti ma' tarax kif b'xi mod ir-rikorrenti għandhom jitqiesu li mxew *in mala fede* meta intavolaw din l-azzjoni. M'hemm xejn in atti li jindika li l-kumpanija rikorrenti qatt intrabtet b'xi ftehim dwar kif għandha titħallas *in parte* minn xi uħud mill-komproprjetarji.

23. Fiċ-ċirkustanzi għalhekk l-intimati kollha għandhom jiġu kkundannati *in solidum* sabiex iħallsu d-danni kkawżati lir-rikorrenti. Ikun jispetta imbagħad lill-intimati

sabiex min minnhom iħoss li jkun ħareġ iżjed mis-sehem dovut minnu idur fuq xi intimat jew intimati oħra għall-kumpens idoneju.

**Ammont dovut mill-intimati**

24. Fid-dokument immarkat bħala Dok DD41[3] hemm ippreċiżat illi r-rikorrent (assikurat) Christopher Mallia irċieva l-ammont ta' €7,116.99 mingħand il-kumpanija rikorrenti bħala ħlas tal-*claim* u dan wara li mill-ammont ta' €7,200 (danni fuq il-vettura) u €6.99 (spejjeż tar-rapport tal-Pulizija) tnaqqas l-ammont ta' €90 (excess) pagabbli mill-klijent. Mela r-rikorrent Christopher Mallia jrid jiġbor għalih f'din il-kawża s-somma ta' disgħin euro (**<u>€90</u>**) li huwa ħallas bħala "*excess*"

25. Fid-dokument immarkat bħala Dok DD[4] jirriżulta illi l-ispejjeż kollha li għamlet il-kumpanija rikorrenti (u li allura trid tiġbor) huma: €7,200 (ammont mħallas lill-assikurat għad-danni sofferti fuq il-vettura), €35 (*survey report),* €6.99 (spejjeż tar-rapport tal-Pulizija li tħallsu lill-assikurat), u €35 (*"legal advice fees"*), għal sub-total ta' €7,276.99 li minnha però jridu jitnaqqsu l-*excess fee* ta' €90 li huma ġabru mingħand il-klijent tagħhom – għal total ta' €7,186.99.

26. Għalhekk skond Dok DD il-kumpanija rikorrenti trid tiġbor għaliha f'din il-kawża s-somma ta' €7,186.99 li mas-somma ta' €90 li jrid jiġbor ir-rikorrent Christopher Mallia jiffurmaw total ta' **<u>€7,276.99</u>** li suppost jridu jiġbru ż-żewġ rikorrenti. Dan huwa €55 inqas mis-somma ta' € 7,331.99 mitluba fil-kawża. Li jidher li ġara huwa li bi żvista fil-kawża l-*excess fee* intalbet darbtejn (fis-sens li ntalbet għaliha u imbaghad ma' tnaqqsitx mill-ammont ta' €7,200) mentri l-ammont ta' €35 (imniżżel bħala *legal advice fees* f'Dok DD[5]) ma' ntalabx. Il-Qorti naturalment tista' tagħti biss **<u>mill-ammont mitlub fir-rikors promotur</u>** dak l-ammont li ġie ppruvat quddiemha u għalhekk mill-ammonti mitluba ta' €7,200 (danni fil-vettura), €6.99 (spejjeż tar-rapport tal-Pulizija), €35 (spejjeż għas-*survey*) u (€90 bħala *excess* fee) hija trid tnaqqas l-ammont ta' €90 biex b'hekk mill-ammont ta' €7,331.99 **<u>mitlub fir-rikors</u>**, l-ammont totali realment dovut u li tista' tagħti l-Qorti huwa dak ta' **<u>€7,241.99.</u>**

**Deċiżjoni**

27. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi:**

    1. **Tiddikjara illi l-intimati *in solidum* huma responsabbli għar-risarċiment tad-danni sofferti mir-rikorrenti wara l-inċident tal-1 ta'**

[3] Fol 55
[4] Fol 34
[5] Fol 34

**Awwissu 2016, fis-somma totali ta' <u>sebat elef mitejn wieħed u erbgħin euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€7,241.99)</u> in kwantu għall-ammont ta' € 7,110 rappreżentanti danni kkaġjonati fil-vettura proprjetà tar-rikorrent Christopher Mallia u assikurata mal- assikuratriċi rikorrenti (ammont imħallas mill-kumpanija rikorrenti lir-rikorrent Mallia wara li naqqset is-somma ta' €90 bħala *excess fee*), in kwantu għal €6.99 spejjeż tar-rapport tal-Pulizija li ħallset il-kumpanija rikorrenti lill-assikurat tagħha, in kwantu għal-ammont ta' €35 spejjeż li nkorriet il-kumpanija rikorrenti għas-*survey* tal-istess vettura u in kwantu għall-ammont ta' €90 bħala *excess fee* li bata r-rikorrent Christopher Mallia,**

2. **Tikkundanna lill-intimati *in solidum* sabiex iħallsu s-somma totali fuq imsemmija lir-rikorrenti,**

3. **Tikkundanna lill-intimati *in solidum* sabiex iħallsu ukoll lir-rikorrenti l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali fuq is-somma totali dekoribbli mill-lum sad-data tal-pagament effettiv.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur